# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 17/2016

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Charles Schembri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Charles Schembri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 535178m, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli mix-xahar t'April, 2015 sax-xahar t'Awissu, 2015 f'dawn il-Gzejjer naqas li jaghti lil Marthese Schembri is-somma, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellu jhallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Jannar, 2016 li biha sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal terminu ta' xahrejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Charles Schembri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu wara li rrefera ghas-sentenza li permezz taghha l-appellant kien ikundannat ghal-xaharejn detenzjoni [*recte*: prigunerija], talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u fin-nuqqas li tkun erogata piena anqas harxa;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi fis-seduta tal-lum, l-parti civili kkonfermat illi l-appellant ssalda d-debitu tieghu kif originarjament ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ex digriet tat-8 ta' April 2015;
2. Illi fl-istess seduta l-appellant irtira l-aggravju tieghu dwar is-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti u zamm ferm l-aggravju kwantu dan jolqot il-piena kominata;
3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut ;
4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi biss, din il-Qorti, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravju dwar is-sejbien ta'

htija u konsegwentement dwar it-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata, tilqa' l-appell kwantu dan jolqot il-piena kominata u ghalhekk tghazel illi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xaharejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal-piena ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.

Giovanni Grixti

Imhallef